**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 58 - IT-TLIETA 21 TA' MARZU 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fis-19:35) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fid-21:31) |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fis-19:35) |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fis-19:34) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fis-19:39) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Skużati | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Benjamin Bugeja | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Kien hemm sitt persuni preżenti | |

## 1. QUORUM

1.1. Minħabba li sal-ħin li kellha tibda l-laqgħa ma kienx hemm quorum, il-laqgħa ma setgħetx tibda.

1.2. Hekk kif kien hemm il-quorum meħtieġ, fis-19:35, il-laqgħa setgħet tibda.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsilliera Cuomo infurmatu li mhux se tkun tista tattendi.

2.2. Is-SE informa ukoll li l-Kunsillier Sammut kien infurmah li ma jiflaħx u għalhekk mhux se jkun jista' jattendi għal-laqgħa. Kopji tal-emails annessi f'A.

2.3. Is-SE informa li l-Kunsillier Galea kien infurmat li se jasal tard.

2.4. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sciberras. Il-ħin kien is-19:39.

## 3. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-aħħar laqgħa, kif ukoll tal-laqgħa b'urġenza li saret fis-16 ta' Frar 2017, li kienu meqjusa moqrija.

3.2. Il-minuti taż-żewġ laqgħat ġew approvati *nem con* wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Viċi Sindku. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE

3.3. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar punt numru 2.7 mill-minuti, rigward il-laqgħa mal-LESA u r-reminder li kellha tintbagħatilhom.

3.4. Is-SE informa li kien bagħat lill-LESA ftit jiem ilu.

3.5. Fuq dan il-punt il-Kunsillier Brincat sostna li ta' min il-Kunsill jiċċara eżatt ir-regolamenti l-ġodda dwar twissijiet fuq infurzar. Is-SE informa li t-twissijiet ma jgħoddux għal kull kontravenzjoni iżda hemm biss sitta li japplikaw għalihom u li twissija toħroġ dabra biss tul ħajjet persuna. M'hemm l-ebda twissija fejn jirrigwarda periklu u parkeġġ fejn assolutament mhux permess fl-ebda ħin (bħal sinjali sofor doppji).

3.6. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar punt numru 2.8, rigward is-CCTV cameras ġol-karozzi.

3.7. Is-SE infurmaħ li mhux eżattament dwar dak is-suġġett, però id-Direttur tal-*Cleansing Services Department (CSD)* kien sejjaħlu għal-laqgħa li fiha ġie spjegat kif id-Dipartiment huwa lest li jgħin lill-Kunsill, inkluz fl-infurzar.

3.8. Is-SE informa ukoll li hemm il-ħsieb li ssir CCTV ġewwa l-Ex Trade Fair grounds minn CSD.

3.9. Il-Kunsill kien mitlub jidentifika postijiet u ħinijiet sabiex id-Dipartiment ikun jista' jagħmel l-infurzar.

3.10. Il-Kunsillier Brincat staqsa ukoll dwar punt numru 2.9, rigward il-proġett tal-Pjazza u l-laqgħa tal-bord.

3.11. Is-SE infurmah li kien bagħat email biex ilaqqa' l-bord dak inhar stess.

3.12. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar punt numru 3.8, rigward ix-xogħol fi Triq J. Howard, hija riedet tkun taf jekk il-Kunsill kitibx lir-residenti.

3.13. Is-SE infurmaha li kienet għadha ma ntbagħtitx ittra lir-residenti dwar il-posponiment tax-xogħol fuq it-triq.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1. Is-Sindku infurmat li kienet attendiet laqgħa dwar linji gwida għat-tismija tat-toroq. Hija ppreżentat kopja tal-linji gwida annessi f'B.

4.2. Is-SE informa lill-Kunsill li l-iskrivana li talbet biex taħdem mid-dar (telework) bdiet din il-ġimgħa u għamlet jumejn fl-uffiċċju, u għal-kumplament tal-ġimgħa tkun qed taħdem mid-dar.

4.3. Is-SE informa li kienet waslet talba għal xogħol ta' trinek ħdejn il-*boathouses* ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Jidher li dan ix-xogħol huwa biex jingħata servizz ta' drenaġġ lil dawn il-*boathouses*. Minħabba l-fatt li l-Kunsill jidhirlu li l-*boathouses* m'għandhomx ikollhom dan is-servizz, minħabba li mhux abitabbli, il-Kunsill għandhu jibgħat din l-osservazzjoni għal dan ix-xogħol.

4.4. Is-SE fakkar fil-proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ, u l-bżonn ta' *youth worker* biex imexxi l-proġett MeeTeen. Huwa informa li kienet waslet CV mingħand Youth

Worker u se ssir intervista miegħu fil-ġranet li ġejjin. Is-SE fakkar li bħal issa hemm persuna voluntiera li qed tgħamel xogħol ta' *youth worker* sakemm jinstab persuna.

4.5. Il-Kunsillier Agius staqsa jekk kinitx waslet xi korrispondenza min-naħa tal-*housing* dwar proġett li jirrigwarda l-komun tal-flats tal-Gvern. Is-Sindku ikkonfermat li waslet il-korrispondenza u qed tingħata l-attenzjoni neċessarja.

4.6. Is-SE informa li s-sena l-oħra l-Kunsill kien applika għal fondi għal apparat biex jintuża waqt lezzjonijiet tal-Life Long Learning li jsiru l-Kunsill. Dan il-fond kellu massimu ta' €1000, però l-Kunsilli kienu mħeġġa li japplikaw għal aktar fondi għax kien hemm il-possibilità li l-Gvern jalloka aktar fondi.

4.7. Għalhekk il-Kunsill kien applika biex biex jixtri interactive whiteboard u heavy duty flip chart. L-ispiża għal dan l-apparat jammonta għal €3200.

4.8. Is-SE kompla billi qal li l-kunsill ġie allokat biss €1000, u għalhekk ma jistax jixtri dan l-apparat, minħabba li din l-ispiża m'hix inkluża fil-baġit.

4.9. Informa li kien tkellem mad-dipartiment fejn spjegawlu li jista jixtri affarijiet oħra, foshom imwejjed, siġġijiet, projector, whiteboard eċċ.

4.10. Is-SE irrakkomanda li jinxtara projector u heavy duty flip chart għaliex ikun ta' użu, u mhux problema ta' spazju daqs kemm huma affarijiet oħra bħal imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill qabel.

4.11. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet laqgħa ma' Transport Malta fl-10 ta' Marzu dwar proċedura kif isiru applikazzjonijiet għal miżuri tat-traffiku.

4.12. Il-Viċi Sindku infrumat li waqt din il-laqgħa hija staqsiet dwar it-tabelli tat-Telgħa tal-Għaqba għal xiex tneħħew minn TM u għal xiex ma ġewx irritornati l-Kunsill. Hija staqsiet ukoll dwar l-iskema tal-parkeġġ tar-residenti fi Triq San Pawl għal xiex kienet tneħħiet. Hija qalet li min naħa ta' TM qalulha li se jivverifikaw u jibagħatu risposta, iżda s'issa ma wasal xejn.

4.13. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li kienet attendied għal laqgħa dwar trasport pubbliku mal-Ministru Mizzi, fit-13 ta' Marzu. Waqt din il-laqgħa ġew spjegati xi tibdil fir-rotot.

## 5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

5.2. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti punt numru 7 tal-aġenda dwar petizzjoni dwar Triq Ġ Stivala.

## 6. PETIZZJONI DWAR IL-MIŻURA TAT-TRAFFIKU FI TRIQ ĠUŻEPPI STIVALA

6.1. Is-Sindku infurmat li kienet waslet petizzjoni kontra s-sistema ta' *one way* fi Triq Ġużeppi Stivala. Hija kompliet billi qrat l-ittra li ntbagħatet mal-petizzjoni.

6.2. Il-Viċi Sindku sostniet li problema ta' veloċità kienet teżisti anke qabel il-miżura. Kompliet tgħid li jekk is-sistema ta' *one way* tiġi bil-ħin fl-opinjoni tagħha ssir aktar perikoluża. Issuġġeriet li jsir studju biex jiġi verifikat dak li qed isostnu r-residenti.

6.3. Il-Kunsillier Gatt sostna li problema ta' veloċità f'one ways dejjem tkun hemm, sakemm jindraw. Ikkummenta li min bagħat il-petizzjoni għandu jiċċekja jekk l-istess nies iffirmawx xi petizzjoni oħra favur. Huwa kompla billi qali li jaqbel mal-Viċi Sindku li jekk issir bil-ħin tkun aktar perikoluża. Għar-resident li għandu makkinarju kbir biex joġroġ mill-għalqa tiegħu u għandu problema biex jgħaddi bis-sistema ta' one way, għandha ssirlu konċessjoni waqt ċertu żmien. Huwa għalaq billi jgħid li

jekk it-triq ma tibqax f'direzzjoni waħda, ikollu jitneħħa l-parkeġġ, għaliex il-wisa' tat-triq ma tippermettix li tkun f'żewġ direzzjonijiet u jkun hemm parkeġġ ukoll.

6.4. Il-Kunsillier Brincat sostna li jaqbel ma' dak il-qal il-Kunsillier Gatt. Hu sar jużaha ħafna, u jaħseb li t-traffiku naqas. Għar-resident li għandu l-inġenji kbar qabel li għandha ssirlu konċessjoni. Informa li kellem lil xi gwardjani u huma ukoll qalulu li ġiet aħjar hekk it-triq. Il-punt tal-ħinijiet ma qabilx miegħu minħabba li l-MCAST m'ghandiex ħin, studenti deħlin u ħerġin f'ħinijiet varji minħabba l-ħinijiet tal-lezzjonijiet. Huwa għalaq billi qal li jaqbel mad-deċiżjoni oriġinali li ħa l-Kunsill.

6.5. Is-Sindku fakkret li hi kienet marret fuq il-post u kellmet lir-residenti. Irreferiet għar-rapport li kienet għamlet dwar din iż-żjara. Sostniet li hi rrappurtat is-sitwazzjoni eżatt kif kienet.

6.6. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jitkellmu membri mill-pubbliku preżenti. Il-ħin kien it-20:17.

6.7. Il-laqgħa tkompliet fid-20:45.

6.8. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li għandha ssir pressjoni qawwijja mal-LESA biex jinfurzaw il-liġi, speċjalment fejn jidħol parkeġġ illegali, issir reviżjoni ta' marki u tabelli fejn u jekk hemm bżonn, u fil-frattemp jiġi ordnat studju tat-traffiku.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

7.1. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'Ċ wara proposta mill-Kunsillier Brincat u sekondata mill-Viċi Sindku.

7.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet. Dawn huma annessi f'D u E rispettivament.

7.3. Is-SE informa li fir-rigward tat-tender tal-mobile app, l-Agriculture And Rural Payments Agency (ARPA) tat penali lill-Kunsill ta' €6000, minħabba li l-Kunsill aċċetta l-unika offerta li intefgħet.

7.4. Is-SE informa li kien saqsa lill-Avukat jekk din il-ħaġa kinitx kontra l-liġi, però l-Avukat qallu li l-Kunsill mexa kif suppost. Is-SE sostna li hu kien f'kuntatt kontinwu mal-ARPA waqt il-proċess tat-tender.

7.5. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-Kunsill jikkonsulta mal-avukat biex jara kif għandu jipproċedi.

7.6. Il-Viċi Sindku infurmat li t-Totem Signs għandhom jitwaħħlu dalwaqt.

## 8. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

8.1. Is-SE ippreżenta l-pjan ta' tliet snin u saqsa jekk kien hemm xi ħadd mill-Kunsilliera li ried iżid jew ibiddel xi affarijiet minnhu.

8.2. Il-Kunsillier Sciberras ippropona li għandu jkun hemm aktar impenn favur l-isports. Mill-kumplament jaqbel perfettament miegħu.

8.3. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li jiġi inkluż aktar sports fil-pjan.

8.4. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea. Il-ħin kien id-21:31.

## 9. INIZZJATTIVA DWAR KAMPANJA TA' KUXJENZA KONTRA L-UŻU TAD-DROGA

9.1. Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li kien tkellem mas-SE u l-Viċi Sindku dwar kampanja biex il-Kunsill iqajjem kuxjenza kontra l-użu tad-droga. Huwa qal li l-Kunsilli tal-Furjana u tal-Mosta qed jitħajru jkunu parti minnha ukoll.

9.2. Il-Kunsillier Galea kompla billi qali li tista' ssir konferenza ta' xi sgħatejn, f'Mejju, fejn l-għan ikun li l-Kunsill joħloq kuxjena u mhux jgħallem. Waqt il-konferenza jinqasmu xi esperjenzi u jkun hemm diskussjonijiet bejn esperti.

9.3. Huwa qal li tkellem ma' rappreżentanti tal-OASI sabiex ikunu kelliema f'din il-konferenza.

9.4. Wara l-konferenza jkun formulat dokument tad-diskussjonijiet li jkunu saru waqt il-konferenza, u dan jgħaddi għall-attenzjoni tal-Gvern.

9.5. Il-Kunsill qabel li jmexxi b'din l-idea.

**10. KUNTRATT TAS-SERVIZZ TAL-HANDYMEN**

10.1. Is-SE informa li bi żvista, l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-offerti tal-*handymen* ma kinux ħarġu fuq il-minuti. Għalhekk il-Kunsill qabel li jkun imniżżel fil-minuti ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi li l-offerti ngħataw lil Victor Mula u Jurgen Attard u li l-Kunsill aċċetta tali rakkomandazzjoni.

**11. PRIJORITAJIET DWAR BŻONN TA' XOGĦLIJIET TA' BANKINI**

11.1. Is-SE ippreżenta l-lista li ġiet ikkumpilata mis-Sindku u l-Kunsilliera Cuomo.

11.2. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-lista tiġi prioritizzata u terġa titressaq għall-attenzzjoni tal-Kunsill.

**12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 25 ta' April 2017 fis-19:30.

12.2. Il-laqgħa intemmet fil-21:51.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**A**

## Laqgha kunsill

**Clinton Sammut Sammut** <[redacted]> 21 March 2017 at 18:57
To: '[redacted] <[redacted]>

Sur SE

Anness ghandek issib c certifikat bhala raguni ghan nuqqas tieghi.

Grazzi



**IMG_20170321_185242543.jpg**
5104K

## Laqgha tal-Kunsill

**Maryanne Cuomo** <[redacted]> 17 March 2017 at 17:29
[redacted]
DLG <naxxar.lc@gov.mt>

Dear Paul,

Kindly note that I am still abroad due to sickness in the family.

REgards,

Maryanne
[Quoted text hidden]

**B**

Joe Sciclune (Vice Chairman)

# LINJI GWIDA għat-tismija ta' triq, ġnien, misraħ, eċċ.

Dawn il-linji gwida għandhom jiġu osservati. Marzu 2017

## Ismijiet ta' toroq

Ismijiet ta' toroq għandhom ikunu sempliċi biex jinqraw u jinkitbu sabiex ikun faċli kemm għall-pubbliku inġenerali, speċjalment it-tfal, kif ukoll għal kull min qed joffri xi tip ta' servizz f'dik it-triq.

Ismijiet twal u ismijiet maqsuma f'ħafna partijiet li jinkludu wkoll il-prefiss għandhom jiġu evitati. Isem ta' triq m'għandux ikun itwal minn 40 ittra li jinkludi wkoll l-ispazji u l-prefiss.

Fejn triq qed iddur f'kisra ta' madwar 90° għandu jiġi kkunsidrat li tingħata isem differenti.

Triq li tiġi żviluppata u tiġi mtawla għandha żżomm l-istess isem.

Tismija ta' triq għal xi persunaġġ għandha sseħħ biss wara l-mewt tal-persunaġġ inkwistjoni.

Il-Kumitat ikun lest li jikkunsidra proposti biex jingħata isem lil triq privata, madankollu l-istatus tagħha jibqa' dikjarat bħala tali, jiġifieri TRIQ PRIVATA.

## Tismija ta' toroq arterjali jew distributorji

Ismijiet għal toroq arterjali u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, *parks* jew ġonna nazzjonali, *estates* industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att tal-Kunsilli Lokali, għandhom jiġu proposti wara konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali li jmissu maz-zona konċernata mill-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju Elettorali li għandu jagixxi fuq il-parir tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq.

## Bdil fl-isem ta' triq

F'każi eċċezzjonali biss għandu jkun hemm bdil fl-isem ta' triq. Ma jiġix aċċettat bdil fl-isem mingħajr raġuni valida.

Toroq b'ismijiet topografiċi jew b'rabta storika mal-lokalità m'għandhomx jinbidlu.

## Tabelli ta' toroq

Huwa importanti li t-tabelli mwaħħla fit-toroq:

1. Jirriflettu l-isem eżatt u dettalji oħra kif ippubblikati uffiċjalment fil-Gazzetta tal-Gvern. Ma jistax isir bdil fl-isem fuq it-tabelli għax dan iġib inkonvenjent lir-residenti li jgħixu f'dawn it-toroq;
2. Tabelli mwaħħla b'isem jew f'post ħażin ikunu jridu jinbidlu/jinqalgħu skont il-każ mill-iktar fis possibbli;
3. Ma jistgħux jitwaħħlu tabelli b'isem ġdid ta' triq qabel dan l-isem ikun approvat mill-Ministru responsabbli u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Bħal fil-każ ta' qabel, jiġri li t-tabella jkollha tinqala' jew titgħatta;
4. Tabella għandha titwaħħal f'mhux iktar minn xahrejn. Għandha titwaħħal tabella temporanja sakemm titwaħħal it-tabella proprja għall-benefiċċju tar-residenti;
5. Idealment tabella ta' triq għandha titwaħħal fil-bidu u fit-tmiem ta' triq. Jekk triq tkun twila allura għandhom jitwaħħlu tabelli kemm ikun meħtieġ;
6. Toroq li qed jaqsmu żewġ lokalitajiet jew iktar għandhom ikollhom imwaħħla tabelli bl-isem tat-triq kif ukoll bl-arma tal-kunsill, eżatt minn fejn għaddejjin il-konfini sabiex jindikaw f'liema lokalità jinsabu.

## Duplikazzjoni ta' ismijiet

Għandu jiġi evitat li jkun hemm duplikazzjoni ta' isem fl-istess lokalità. Eż. Triq il-Fjuri u Sqaq il-Fjuri.

Barra dan, triq dritta li qed taqsam żewġ lokalitajiet jew iktar għandu jkollha isem wieħed.

## Għal kull tip ta' għajnuna

**Kumitat għat-Tismija ta' Toroq**

Uffiċċju Elettorali, Evans Building,

Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT2000

T: 25583161

E: snc.electoral@gov.mt

W: www.electoral.gov.mt

Ċ

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 58

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-22 ta' Frar 2017 sal-14 ta' Marzu 2017

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €118.00 | €118.00 | T | PF | Review of planning applications - Feb 17 | 28-02-17 | 1968 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Archway Ironmongery | €86.28 | €86.28 | D | PF | Silicone, screws, masking tape, etc | 01-02-17 | 38346 | 5755, 5763, 5769, 5781, 5791 | 5755, 5763, 5769, 5781, 5791 | 2210 | |
| 3 | Arms Ltd | €751.19 | €751.19 | NA | PF | Electricity & water consumption bill for NLC offices [12/01/2017 till 11/02/2017] | 25-02-17 | 23569480 | n/a | n/a | 2130 | 20467 |
| 4 | Arms Ltd | €148.75 | €148.75 | NA | PF | Electricity bill for SPTT metre [period: 08/12/2016 till 08/02/2017] | 09-03-17 | 23606802 | n/a | n/a | 2130 | 20520 |
| 5 | Bitmac Works Ltd | €70.00 | €70.00 | K | PF | Instant road repair - in stock | 21-02-17 | 137762 | 5775 | 5775 | 2311 | |
| 6 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair | 21-02-17 | 137763 | 5777b | 5777b | 2311 | |
| 7 | Bitmac Works Ltd | €22.75 | €22.75 | K | PF | Instant road repair - Triq V Boron | 23-02-17 | 137883 | 5777b | 5777b | 2311 | |
| 8 | Bitmac Works Ltd | €70.00 | €70.00 | K | PF | Resin gum grigio 14ltrs for Civic Centre's roof | 23-02-17 | 137884 | 5778 | 5778 | 2375 | |
| 9 | Bitmac Works Ltd | €54.60 | €54.60 | K | PF | Instant road repair - Triq J Howard | 24-02-17 | 137929 | 5777b | 5777b | 2311 | |
| 10 | Bitmac Works Ltd | €54.60 | €54.60 | K | PF | Instant road repair - Triq J Howard | 24-02-17 | 137946 | 5777b | 5777b | 2311 | |
| 11 | Bitmac Works Ltd | €70.00 | €70.00 | K | PF | Resin gum grigio 14ltrs for Civic Centre's roof | 01-03-17 | 138133 | 5782 | 5782 | 2375 | |
| 12 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair - Telgha tal-Iskejjel u Triq in-Nutar Emanuel Debono | 06-03-17 | 138328 | 5788 | 5788 | 2311 | |
| 13 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair - Triq is-Sejjieh, Triq Santa Lucija | 10-03-17 | 138510 | 5790a | 5790a | 2311 | |
| 14 | | €96.52 | €96.52 | NA | PF | Petty cash - end of Feb 17 | n/a | n/a | n/a | n/a | 5010 | 20466 |
| 15 | CDA Ink & Toner Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | Ink for office's printer | 17-02-17 | 13525 | 5772 | 5772 | 2670 | |
| 16 | Central Asphalt Ltd | €9.15 | €9.15 | T | PF | Concrete slab for Triq il-Bjad | 02-03-17 | 60447 | n/a | n/a | 2310 | |
| 17 | Central Asphalt Ltd | €18.30 | €18.30 | T | PF | Concrete slabs for Triq MA Murray | 03-03-17 | 60454 | n/a | n/a | 2310 | |
| 18 | Charlie Mifsud | €2,818.33 | €2,818.33 | T | PF | Cleaning & weed cutting of non urban roads for Jan & Feb 17 | 26-02-17 | 1303 | n/a | n/a | 3052 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Claire Vassallo | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Alfier | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 20465 |
| 20 | Commissioner of Inland Revenue Dept | €3,120.00 | €3,120.00 | NA | PF | FSS + NI - Feb 17 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | bank transfer |
| 21 | Datatrak IT Services | €15.23 | €15.23 | NA | PF | 2 pre-regional tickets paid in Feb 17 | 28-02-17 | 1011868 | n/a | n/a | 3610 | |
| 22 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | NA | PF | Advert on Govt Gazette dated Fri 10/03/2017 with regards to towing zone for Triq Andrea Debono bypass | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 20512 |
| 23 | Dimbros Ltd | €429.94 | €429.94 | T | PF | Bulky refuse collection - Feb 17 | 01-03-17 | 1868 | n/a | n/a | 3042 | |
| 24 | EcoPure Ltd | €84.00 | €84.00 | D | PF | Rental of Hot & cold free standing cooler for the period: 01/03/2017 till the 28/02/2018 | 01-03-17 | 676062 | 5785 | 5785 | 3320 | |
| 25 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Feb 17 | 28-02-17 | 19589 | n/a | n/a | 3061 | |
| 26 | G4S Security Services Ltd | €173.46 | €173.46 | D | PF | Cash collection services - Feb 17 | 28-02-17 | GS016473 | n/a | n/a | 3190 | |
| 27 | Grace Camilleri | €176.54 | €176.54 | NA | PF | Branch librarian services - Feb 17 | 07-03-17 | Nxr 2/17 | n/a | n/a | 2995 | |
| 28 | Grech & Ellul | €69.60 | €69.60 | D | PF | 5 Satin colours x1ltr each, paint brush & white spirit for Gnien Santa Marija's benches "BIC" | 17-02-17 | 306270 | 5770 | 5770 | 2310 | |
| 29 | IGB Hardware Store | €10.50 | €10.50 | D | PF | MAM cutting knife | 21-02-17 | 2072 | 5777a | 5777a | 2210 | |
| 30 | IGB Hardware Store | €17.55 | €17.55 | D | PF | Plasticote spray qty 3 | 22-02-17 | 2075 | 5777a | 5777a | 2210 | |
| 31 | IGB Hardware Store | €7.01 | €7.01 | D | PF | 1ltr zinc phosphate primer | 22-02-17 | 2076 | 5777a | 5777a | 2210 | |
| 32 | IGB Hardware Store | €13.96 | €13.96 | D | PF | Robolts, heavy duty garbage bags blue, furniture nails | 22-02-17 | 2082 | 5787 | 5787 | 2210 | |
| 33 | IGB Hardware Store | €21.90 | €21.10 | D | PF | Steel & stone cutting discs, zrar, ramel & cement (80c less due to mis calculation in correct multiplication iro sand, i.e. 4x1.4=5.6) | 01-03-17 | 2087 | 5787 | 5787 | 2210 | |
| 34 | IGB Hardware Store | €9.33 | €9.33 | D | PF | 2" paint brush, zinch phosphate, white spirit | 07-03-17 | 2094 | 5788a | 5788a | 2210 | |
| 35 | Image Systems Ltd | €110.72 | €110.72 | T | PF | Ink for office's photocopier - Feb 17 | 28-02-17 | 237644 | n/a | n/a | 2670 | |
| 36 | Innovative Projects Ltd | €4,670.82 | €4,670.82 | T | PF | Street cleaning - Nov 16 | 30-11-16 | 1141 | n/a | n/a | 3051 | |
| 37 | Innovative Projects Ltd | €4,670.82 | €4,670.82 | T | PF | Street cleaning - Dec 16 | 31-12-16 | 1142 | n/a | n/a | 3051 | |
| 38 | Innovative Projects Ltd | €4,670.82 | €4,670.82 | T | PF | Street cleaning - Jan 17 | 31-01-17 | 1147 | n/a | n/a | 3051 | |
| 39 | Innovative Projects Ltd | €4,670.82 | €4,670.82 | T | PF | Street cleaning - Feb 17 | 28-02-17 | 1150 | n/a | n/a | 3051 | |
| 40 | Jurgen Attard | €286.00 | €286.00 | T | PF | Football ground warden - Feb 17 | 28-02-17 | 158768 | n/a | n/a | 3191 | |
| 41 | Jurgen Attard | €1,380.60 | €1,380.60 | T | PF | Handyman service - Feb 17 | 28-02-17 | Feb-17 | n/a | n/a | 3125 | 20504 |
| 42 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €15.80 | €16.63 | K | PF | No Entry sign | 17-02-17 | 22841 | 5764 | 5764 | 2313 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €38.58 | €33.57 | K | PF | Street name Triq Patri Benjamin Galea c/w pole | 31-01-17 | 22856 | 5745 | 5745 | 2313 | |
| 44 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €77.90 | €77.90 | K | PF | Traffic mirror 90cm for Triq ir-Ramla | 31-01-17 | 22857 | 5726 | 5726 | 2313 | |
| 45 | Leon Promotions Ltd | €850.00 | €850.00 | D | PF | Full organisation of the Carnival Event Feb 17 | 01-03-17 | G09/17 | 5746 | 5746 | 3370 | |
| 46 | Ligia Sammut | €15.00 | €15.00 | NA | PF | Refund for the pilates sessions Thurs 6th Apr 2017's class (applicant paid on someone's bahalf by mistake) | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | 20519 |
| 47 | Maria Deguara | €724.46 | €724.46 | NA | PF | Mayor's allowance - Feb 17 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 48 | Melita plc | €118.44 | €118.44 | NA | PF | Telephony monthly bill - Feb 17 (27013044) & internet - Mar 17 | 01-03-17 | 104292153 | n/a | n/a | 2160 | 20511 |
| 49 | R&G Hardware Store | €18.40 | €18.40 | D | PF | Paint for downstair hallway | 01-03-17 | 42200 | 5783 | 5783 | 2375 | |
| 50 | Rachel Demicoli | €289.10 | €289.10 | D | PF | Circuit Training course - Jan till Mar 2017 "BIC" | 24-02-17 | Nxr 2/17 | 5570a | 5570a | 3381 | |
| 51 | Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili | €116.00 | €116.00 | NA | PF | Settlement of Multa Nru: 1/2012 through a letter notification received on the 22/2/2017 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3140 | 20502 |
| 52 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Public Convenience cleaning - Feb 17 | 28-02-17 | Nxr_Feb17 | n/a | n/a | 3053 | |
| 53 | Silvio Grech | €76.70 | €76.70 | D | PF | Hire of 100pvc chairs for the Carnival Event Feb 17 | 27-02-17 | 3779 | 5748 | 5748 | 3370 | |
| 54 | SRF & Veladrians | €2,916.22 | €2,916.22 | T | PF | Collection of skips on wheels - Jan 17 | 01-03-17 | 808 | n/a | n/a | 3043 | |
| 55 | SRF & Veladrians | €6,503.06 | €6,503.06 | T | PF | Collection of mixed household waste - Jan 17 | 01-03-17 | 807 | n/a | n/a | 3041 | |
| 56 | SRF & Veladrians | €2,634.00 | €2,634.00 | T | PF | Collection of skips on wheels - Feb 17 | 07-03-17 | 830 | n/a | n/a | 3043 | |
| 57 | SRF & Veladrians | €6,120.52 | €6,120.52 | T | PF | Collection of mixed household waste - Feb 17 | 07-03-17 | 829 | n/a | n/a | 3041 | |
| 58 | SRF & Veladrians | €389.40 | €389.40 | T | PF | Collection of mixed waste & washing of Pjazza Square iro Xmas Event Dec 16 | 01-03-17 | 819 | n/a | n/a | 3370 | |
| 59 | Staff Wages | €9,282.37 | €9,282.37 | NA | PF | Staff wages - Feb 17 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 60 | Steve Charles Joseph Borg | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Profs AJ Arberry | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 20509 |
| 61 | The Lighthouse Keepers | €54.29 | €54.29 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX1999 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €19.23 | €19.23 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2006 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €20.90 | €20.90 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2007 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2016 | n/a | n/a | 3065 | |
| 65 | The Lighthouse Keepers | €33.08 | €33.08 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2017 | n/a | n/a | 3065 | |
| 66 | The Lighthouse Keepers | €35.95 | €35.95 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2018 | n/a | n/a | 3065 | |
| 67 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2019 | n/a | n/a | 3065 | |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | The Lighthouse Keepers | €18.81 | €18.81 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2020 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 69 | The Lighthouse Keepers | €31.34 | €31.34 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2021 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 70 | The Lighthouse Keepers | €131.98 | €131.98 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2022 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 71 | The Lighthouse Keepers | €31.49 | €31.49 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2023 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 72 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2024 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 73 | The Lighthouse Keepers | €84.64 | €84.64 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2025 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 74 | The Lighthouse Keepers | €16.72 | €16.72 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2026 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 75 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2027 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 76 | The Lighthouse Keepers | €33.16 | €33.16 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2028 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 77 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2029 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 78 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2031 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 79 | The Lighthouse Keepers | €33.16 | €33.16 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2033 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 80 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2034 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 81 | The Lighthouse Keepers | €33.16 | €33.16 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2036 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 82 | The Lighthouse Keepers | €37.50 | €37.50 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2037 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 83 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2038 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 84 | The Lighthouse Keepers | €65.44 | €65.44 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2039 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 85 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2040 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 86 | The Lighthouse Keepers | €20.90 | €20.90 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2041 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 87 | The Lighthouse Keepers | €20.90 | €20.90 | T | PF | Maintenance on street lamp | 10-01-17 | KLNX2042 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 88 | The Lighthouse Keepers | €18.81 | €18.81 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-02-17 | KLNX2050 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 89 | The Lighthouse Keepers | €18.27 | €18.27 | T | PF | Maintenance on street lamp | 24-01-17 | KLNX2052 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 90 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-02-17 | KLNX2065 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 91 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-02-17 | KLNX2068 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 92 | The Lighthouse Keepers | €20.04 | €20.04 | T | PF | Maintenance on street lamp | 19-01-17 | KLNX2032 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 93 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13-02-17 | KLNX2069 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 94 | The Lighthouse Keepers | €35.62 | €35.62 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13-02-17 | KLNX2070 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 95 | The Lighthouse Keepers | €19.85 | €19.85 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13-02-17 | KLNX2071 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 96 | The Lighthouse Keepers | €35.62 | €35.62 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13-02-17 | KLNX2072 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 97 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Maintenance on street lamp | 15-02-17 | KLNX2073 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 98 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13-02-17 | KLNX2074 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 99 | The Lighthouse Keepers | €404.08 | €404.08 | T | PF | Provision & installation 30w LED floodlight in Triq il-Parrocca | 28-02-17 | 23 | n/a | n/a | 3065 | | |
| 100 | Union Print Ltd | €357.00 | €357.00 | T | PF | Design & printing of Carnival flyers | 20-02-17 | PI009172 | n/a | n/a | 3370 | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Victor Mula | €1,380.60 | €1,380.60 | T | PF | Handyman service - Feb 17 | 28-02-17 | Feb-17 | n/a | n/a | 3125 | 20503 |
| 102 | Vincent Caruana | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Birguma | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 20507 |
| 103 | Vodafone MT | €114.40 | €114.40 | NA | PF | Telephony monthly bill - Feb 17 (79404014) | 01-03-17 | 5811248032017 | n/a | n/a | 2160 | 20508 |
| 104 | WasteServ Malta Ltd | €4,529.80 | €2,468.53 | NA | PP | Allocated msw waste - Jan 17 (1st half) | 01-02-17 | 70558 | n/a | n/a | 3040 | |
| 105 | WasteServ Malta Ltd | €4,804.02 | €2,468.53 | NA | PP | Allocated msw waste - Jan 17 (2nd half) | 15-02-17 | 70836 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€76,131.39** | **€71,729.65** | | | | | | | | | |

**D**

**Income List for the month of February 2017** **01-03-17**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0000 | George Briffa's payment iro new street light on existent pole at T'Alla w'Ommu | €280.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €214.64 |
| 0025 | Skip Permit | €808.30 |
| 0026 | Crane Permit | €2,480.40 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €649.87 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €20.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €2.90 |
| 0100 | Donations/ sponsorships | €75.00 |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,740.00 |
| | **TOTAL** | **€6,275.77** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 20215 |
| | To | 20452 |

**E**

**Purchase Order list for the month of February 2017** **01-03-17**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 03-02-2017 | 5764 | Koptasin | Oneway sign 40cm | €16.63 |
| 03-02-2017 | 5764a | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €54.60 |
| 06-02-2017 | 5765 | Central Asphalt Ltd. | Dropper kerb modification in Vjal il-21 ta' Settembru | *as per contract* |
| 07-02-2017 | 5766 | JWT Caruana | Hire of a bowser to empty reservoir at Pjazza Celsi | €141.60 |
| 07-02-2017 | 5767 | Bitmac Works Ltd | Resin gum and Geotextile - for roof treatment | €110.00 |
| 07-02-2017 | 5768 | Intracore | Rephalt - road repair - Triq is-Salina | €99.12 |
| 09-02-2017 | 5769 | Archway Ironmongery | Plastic cover, kurrenti, etc | €23.18 |
| 13-02-2017 | 5770 | Grech & Ellul | Paint x1ltr (5 different colours), paint brush, white spirit for Gnien Santa Marija tal-Angli | €69.60 |
| 13-02-2017 | 5771 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €91.00 |
| 13-02-2017 | 5772 | IGB Hardware | White corner angles, wood screws, green hunter spray, zinc primer, etc | €37.55 |
| 16-02-2017 | 5773 | COA Ink & Toner | Replacement of toner for front desk's printer | €44.99 |
| 17-02-2017 | 5774 | IGB Hardware | Drill key chuck, nylon plugs, silicone, etc | €23.76 |
| 20-02-2017 | 5775 | Bitmac Works Ltd | Resin gum - for roof treatment | €70.00 |
| 20-02-2017 | 5776 | IGB Hardware Store | Equipment, tools, materials & goods | €1,164.00 |
| 20-02-2017 | 5777 | IGB Hardware Store | Ramel, zrar, cement 25kg, zinc primer, etc | €157.36 |
| 20-02-2017 | 5777a | IGB Hardware Store | MAM cutting knife, Plasticote spray qty 3, etc | €35.06 |
| 21-02-2017 | 5777b | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €177.45 |
| 23-02-2017 | 5778 | Bitmac Works Ltd | Resin gum for roof treatment | €70.00 |
| 23-02-2017 | 5779 | Koptasin | Traffic Mirror 60 cm & Pole | €70.97 |
| 24-02-2017 | 5780 | Archway Ironmongery | Equipment, tools, materials & goods | |
| 24-02-2017 | 5781 | Archway Ironmongery | Hammer, wire brush, ramel, cement, barmil | €16.60 |
| | | | **Total** | **€2,473.46** |